**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Hamis 28 ta' Frar, 2019**

**Rikors nru: 136/18 AGV**

AB

Vs

CB

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent ipprezentat fit-13 ta' Mejju, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi huwa zzewweg lill-intimata fit-3 ta' April, 2004 fil-Knisja Parrokjali tal-Kalkara. Illi huwa ssepara legalment minn mal-intimata permezz ta' kuntratt bonarju ta' separazzjoni datat 15 ta' Novembru, 2011 fl-atti tan-Nutar Dr. Tonio Cauchi (Dok. A).

2. Illi miz-zwieg il-partijiet konjugi B kellhom zewg ulied D li llum ghandu tnax-il sena u E li llum ghandha disa' snin.
3. Illi l-konjugi B ilhom de facto separati mix-xahar ta' Marzu, 2011 u ghalhekk ferm oltre l-erbgha (4) snin rikjesti mil-ligi.
4. Illi l-partijiet m'ghandhom ebda pendenza ta' manteniment bejniethom.
5. Illi l-partijiet ma hemmx lok li jergghu jirrikonciljaw.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost din l-Onorabbli Qorti qed tigi umilment mitluba sabiex:-

1.Tippronunzja d-divorzju jew il-hall taz-zwieg imholli ghal daqshekk minn l-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez.

Rat ir-Risposta tal-Intimata li eccepiet illi:-

1. Illi huwa minnu li l-partijiet zzewwgu fit-3 ta' April, 2004 fil-Knisja Parrokjali tal-Kalkara u li sseparaw legalment minn xulxin permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Tonio Cauchi datat 15 ta' Novembru, 2011.

2. Illi huwa minnu ukoll li l-konjugi B ghandhom zewg ulied li ghadhom it-tnejn minuri.

3. Illi l-esponenti toggezzjona ghat-talba tal-attur li din l-Onorabbli Qorti tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u dan stante li l-attur missier qatt ma zied il-manteniment skond l-indici tal-gholi tal-hajja, hekk kif hemm stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni, minkejja diversi ittri mibghuta lilu

sabiex jaghmel dan u dan kif jidher car mill-ittri hawn annessi u mmarkati bhala Dokument A u Dokument B, kif ukoll mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dokument C li juri l-kalkolu tal-ammont pendenti rapprezentanti l-gholi tal-hajja mis-sena elfejn u tnax (2012) sal-prezent.

4. Illi hemm ukoll ammont pendenti li l-attur missier ghandu jhallas ghall-ispejjes straordinarji tat-tfal, hekk kif hemm ukoll stipulat fil-kuntratt *de quo,* li dan kif jidher car f'dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok D;

5. Illi ghal dawn ir-ragunijiet, m'ghandux jigi pronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet qabel ma' jithallsu l-arretrati ta' manteniment skond l-indici tal-gholi tal-hajja kif ukoll l-ispejjes straordinarji mill-attur u li minkejja diversi tentattivi dan ma hallasx u dunque, jekk jinghata d-divorzju, ikun ferm aktar difficli sabiex il-konvenuta omm tikseb il-hlas pendenti u dan a bazi tal-Artikolu 66 D tal-Kap.16.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-prospetti esebit mill-intimata

Jirrizulta li l-partijiet kienu sseparaw permezz ta'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Tonio Cauchi fil-15 ta' Novembru, 2011 u ghalhekk jigi kkonfermat li skadew l-erba' snin.

Jirrizulta ukoll li ma hemmx cans ta' rikonciljazzjoni.

Jirizulta wkoll li fil-mori tal-kawza thallas ammont ta' flus mir-rikorrenti lill-intimata, li kien jirrappresenta l-manteniment pendent bejniethom. Madankollu,

l-istess intimata tikkontendi li hemm ammont ta' spejjez ta' edukazzjoni li ma thallsux mir-rikorrenti, u li dawn ghalhekk jipprekludu lill-istess rikorrenti milli jitlob ghad-divorzju, kif qed jaghmel.

Illi ghalhekk f'dan l-istadju huwa tajjeb li wiehed jirreferi ghad-disposizzjonijiet tal-ligi taghna.

**Artikolu 66B tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:-

"**66B.** *Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) "fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*

*(b) "ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) "il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*"Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*"Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*"Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi."*

**L-Artikolu 57 tal-Kapitolu 16,** li ghalih issir riferenza fl-Artikolu 66 B (c) hawn fuq citat, jipprovdi s-segwenti:-

*"Tkun min tkun il-persuna li f'idejha jigu fdati l-ulied minuri tal-mizzewgin, il-mizzewgin jibqghu fil-jedd li jaraw li kollox qieghed isir sewwa ghal dak li huwa manteniment u edukazzjoni u jibqghu obbligati li johorgu s-sehem li jmisshom ghall-manteniment u edukazzjoni skond il-ligi."*

**Artikolu 66D sub-inciz 2 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi

*2) Fejn il-miżżewġin ikunu diġà separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, il-persuna miżżewġa li tkun qed tagħmel it-talba għad-divorzju tista' tressaq biss talba għall-ħall taż-żwieġ. Il-parti l-oħra tista' tikkontesta din it-talba jew billi tipprova illi dak iż-żmien maħsub fl-artikolu 66B(a) m'għaddiex, jew billi tipprova illi l-persuna miżżewġa illi talbet id-divorzju ma tkunx ħallset il-manteniment dovut, kif ordnat mill-qorti jew miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni u li kemm-il darba t-talba għad-divorzju tintlaqa', tkun aktar diffiċili għall-istess parti l-oħra illi tikseb il- ħlas tal-manteniment. Il-qorti m'għandhiex tilqa' t-talba għad-divorzju kemm-il darba xi waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet jiġu murija li huma tajba.*

Inoltre**, l-Artikolu 19 tal-Kodici Civili** jaghti d-definizzjoni ta' manteniment, li apparti li jinkludi l-affarijiet bazici bhall-ikel u hwejjeg, jinkludi ukoll spejjes edukattivi u tas-sahha.

Dan ghalhekk ifisser, fi ftit kliem, li spejjez ta' sahha u ta' edukazzjoni huma wkoll inkluzi fit-tifsira ta' manteniment, u ghalhekk jekk dawn ukoll m'humiex imhallsa, jista' jiskatta l-impediment ghad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66D hawn fuq citat. Madankollu, l-istess disposizzjoni ma tillimitax l-oggezzjoni ghad-divorzju biss fuq bazi ta' inadempjenza ta' hlas ta' manteniment – li jinkludi wkoll spejjez ta' edukazzjoni. Ma' dak in-nuqqas ta' hlas, l-istess Artikolu jorbot id-diffikulta' li tali manteniment jinkiseb.

Fil-fehma tal-Qorti is-soluzzjoni tal-vertenza indizama tinsab fid-dispost tas-sub inciz 2 tal-Artikolu 66 D tal-Kap. 16, gia citat aktar 'l fuq. Dan l-artikolu jipprovdi zewg okkazzjonijiet fejn talba ghal divorzju tista' tigi michuda mill-Qorti:

(1) Jekk jirrizulta illi l-partijiet ilhom anqas minn erba' snin ma jghixux flimkien; jew

(2) Jekk jirrizulta illi min qed jitlob id-divorzju ghandu l-obbligu li jhallas manteniment skont sentenza jew kuntratt ta' separazzjoni, ma jkunx hallas il-manteniment hekk ordnat jew stipulat u li kemm-il darba t-talba ghad-divorzju tintlaqa' ikun aktar difficli li jinkiseb il-hlas tal-manteniment li ma jkunx thallas.

Isegwi ghalhekk illi mhux kull nuqqas ta' hlas ta' manteniment dovut skont sentenza jew kuntratt hu ta' ostakolu ghall-akkoljiment ta' talba ghad-divorzju. Sabiex tali nuqqas ta' hlas ta' manteniment iwassal ghac-cahda tat-talba ghad-divorzju jkun jehtieg li jigi wkoll ippruvat illi bl-ghoti tad-divorzju jkun ser

jaghmilha aktar difficli ghal min qed jippretendi l-hlas ta' manteniment arretrat li jircievi dak il-hlas.

Huwa ghalhekk evidenti illi kull kaz irid jigi ezaminat fuq il-fattispecie partikolari tieghu sabiex jigi stabbilit jekk l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' hlas ta' manteniment tissodisfax fl-intier tieghu id-dispost tat-tieni parti tal-Artikolu 66D (2) citat supra.

Ghalhekk, f'proceduri ta' divorzju, il-Qorti m'ghandhiex il-kompitu li tordna l-hlas tal-arretrati ta' manteniment, izda li tiddetermina li jekk dawn ma jithallsux ser tkun aktar difficili ghall-intimata biex tigborhom jekk iz-zwieg jinhall.

Fil-fehma tal-Qorti, id-diffikolta' li tigi rkuprata mir-rikorrenti s-somma ta' madwar elfejn u hames mitt Ewro da parti tal-intimata ma gietx ippruvata, u ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li tali nuqqas da parti tar-rikorrenti m'ghandux jippreludi l-ghoti tad-divorzju skond il-ligi.

**Decide**

Il-Qorti ghalhekk taqta' w tiddeciedi l-kawza billi, fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimata:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet a tenur tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, entro t-terminu ta’ ghoxrin (20) jum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

In vista tac-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjez ghandhom jibqghu a kariku tar-rikorrent.

**Onor. Imhallef Anthony Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**